MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 885/2008

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C35984)**

**Vs**

**Paul Borg (I.D. 922347M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u erbghin Euro u sitta u disghin centezmi (€640.96), rapprezentanti bilanc ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie prezentat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali mit-28 ta’ Mejju, 2008, li hija d-data ta’ l-ahhar konsenja, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta' sitt mija u erbghin Euro u sitta u disghin centezmu (€640.96), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------